FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI
BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D

Illum, 12 ta' Mejju 2025

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Vella)**
**vs**
**Fiona Brincat**

Kawża nru. 5969/2025 AMT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Fiona Brincat,** bint Emanuela Brincat, imwieled il-Pieta nhar it-3 ta' Settembru 1982 u detentriċi tal-karta tal-identita bin-numru 0484582M, akkużata talli matul il-perjodu ta' bejn is-sitta (6) ta' Frar 2025 u nhar il-ħdax (11) ta' Mejju 2025 f'dawn il-gżejjer Maltin:

1. Kisret il-kundizzjonijiet tal-liberta provviżorja imposti fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Astrid May Grima LLD nhar il-11 ta' Lulju 2024 meta ingħatat il-ħelsien mill-arrest taħt depożitu u garanzija personali li jammontaw għal €11,000.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tqis lill-imputata bħala li saret reċediva ai termini tal-artikoli 49 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kienet misjuba ħatja ta' diversi sentenzi mogħtija lilha mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mill-Liġi, tirrevoka l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti lil Fiona Brincat u tordna l-arrest mill-ġdid tal-istess Fiona Brincat, u dan ai termini tal-artikolu 579 (3) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) tal-Liġijiet ta' Malta, u sabiex tordna li d-depożitu u garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Rat illi waqt is-seduta tat-12 ta' Mejju 2025 l-imputata, debitament assistita mill-avukat tal-fiduċja tagħha, iddikjarat illi xtaqet tirreġistra ammissjoni fir-rigward tal-akkuża dedotta kontra tagħha.

Rat illi l-imputata ikkonferma din l-ammissjoni wara li l-Qorti, a tenur tal-Artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżata bl-aktar mod solenni u b'lingwaġġ li jinftiehem bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietilha żmien biżżejjed biex terġa tikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tagħha, tirrikkonsidra d-dikjarazzjoni tagħha u terġa lura minnha.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkonsidrat**

Fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputata il-Qorti ma tistax ħlief issib lill-imputata ħatja tal-akkuża dedotta kontra tagħha. Detto dan, il-Qorti ma tistax taċċetta l-ammissjoni tal-imputata fir-rigward tal-addebitu tar-reċediva. Dan peress illi mill-fedina penali tal-imputat li ġiet preżentata in atti jirriżulta hija ingħatat piena ta' priġunerija ta' sena fl-2006, u għalhekk it-terminu ta' ħames snin kontemplat fl-artikolu 5 snin ormai għadda. Inoltre, apparti l-kwistjoni ta' trapass ta' żmien, fl-2008 l-imputat kienet ġiet liberate bil-kondizzjoni li ma tikkommettix reat ieħor ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt illi fl-2009 tpoġġiet taħt Ordni ta' Probation għal tlett snin, ai termini tal-artikolu 7 tal-KApitolu 446. Għaldaqstant huwa applikabbli dak dispost fl-Artikolu 25(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Bla ħsara għal dak hawn iktar 'il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta' ħtija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taħt dan l-Att li bih il-ħati jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-ħati għal kollox jew kondizzjonalment għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija għal ebda fini li jkun,minbarra –
>
> (a) il-finijiet tal-proċeduri li fihom issir l-ordni u ta' kull proċedura sussegwenti li tista' tittieħed kontra l-ħati taħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att, u
>
> (b) (b) fil-każ ta' uffiċjal pubbliku, il-finijiet jew kull proċedura dixxiplinari li tista' tittieħed kontra, jewkull punizzjoni dixxiplinari li tista' tiġi imposta

> fuqdak l-uffiċjal pubbliku b'konsegwenza ta' xi tali dikjarazzjoni ta' ħtija jew ta' xi wieħed mill-fatti li jikkostitwixxu r-reat:
> Iżda meta ħati, li jkollu mhux inqas minn tmintax-il senaetà fiż-żmien tad-dikjarazzjoni ta' ħtija ta' reat li dwaru jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew jiġi kondizzjonalment liberat kifhawn qabel imsemmi, sussegwentement jingħata sentenza għal dak ir-reat, id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom itemmu japplikaw għal dik id-dikjarazzjoni ta' ħtija."

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Christopher Agius** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2004 fejn ġie kkonsidrat hekk dwar dan il-punt:

> "…l-appellat gie addebitat b'recidiva dwar sentenza li permezz taghha huwa kien tqieghed taht probation ghal perijodu ta' tliet snin skond l-artikolu 7 tal-Kap. 446. Ghalhekk, QATT MA SETA' JIGI ADDEBITAT MILL-PULIZIJA EZEKUTTIVA BIR-RECIDIVA DWAR DIK IS-SENTENZA. U m'hemm l-ebda dubju dwar liema sentenza din l-imputazzjoni kienet qed tirreferi. Persuna titqies li hija recidiva "jekk, wara li tkun giet ikkundannata ghal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, taghmel reat iehor" (artikolu 49 tal-Kap. 9). U s-subartikolu (1) ta' lartikolu 25 ta' l-Att dwar il-Probation (Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi:
> […]
> Il-kaz odjern ma jaqa' taht l-ebda wahda mis-sitwazzjonijiet fil-paragrafi (a) jew (b). Konsegwentement id-dikjarazzjoni ta' htija fil-proceduri kontra l-appellat u li temmew bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-28 ta' Marzu 2003 li permezz taghha huwa tqieghed taht probation ghal perijodu ta' tliet snin, ma setghet QATT titqies bhala dikjarazzjoni ta' htija ghall-finijiet ta' recidiva."

Għaldaqstant, b'applikazzjoni tal-Artikolu 25 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta is-sentenzi tas-27 ta' Ottubru 2008 u tal-5 ta' Frar 2009 ma jistgħux jitqiesu bħala dikjarazzjoni ta' ħtija għall-finijiet tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Minn dan isegwi, peress li l-imputata ma setgħet qatt tammetta għall-akkuża li m'għandha l-ebda fondatezza legali, li l-ammissjoni tagħha għal dak li jirrigwarda l-addebitu tar-reċediva ma tistax tiġi aċċettata minn din il-Qorti

Fir-rigward tal-piena, il-partijiet iddikjaraw li kienu qed jaqblu li l-piena inflitta għandha tkun dik ta' multa fil-minimu tagħha in vista taċ-ċirkostanzi finanzjarji tal-imputat, oltre r-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-konfiska ta' parti mid-depożitu li kien sar minnha. Il-partijiet iddikjaraw illi kienu waslu għal dan il-qbil peress illi l-imputata għandha bżonn l-għajnuna u hija stess esprimiet ix-xewqa li terġa tidħol il-ħabs sabiex tieħu l-għajnuna li teħtieġ.

Wara li ħadet in konsiderazzjoni il-ftehim milħuq bejn il-partijiet, il-fatt illi l-imputata naqset milli tiffirma l-*bail book* diversi drabi bejn Frar u Mejju, u li mill-fedina penali tal-imputata jirriżulta li l-aħħar sejbien ta' ħtija jirrisali għall-2009, u ċioe ċirka sittax -il sena ilu, il-Qorti taqbel mal-partijiet li l-piena li qablu fuqha hija dik l-aktar idoneja. Għal dak li jirrigwarda l-konfiska, l-Qorti qed tieħu wkoll in konsiderazzjoni li fl-2009 l-imputata kienet instabet ħatja proprju ta' ksur ta' kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest. Ikkonsidrat dan il-Qorti tqis li l-konfiska tad-depożitu għandha tkun fl-intier tagħha, għalkemm il-Qorti mhijiex ser tordna wkoll il-konfiska tal-garanzija personali magħmula mill-imputat sabiex il-konfiska tkun proporzjonata għall-ksur in kwistjoni u sabiex ukoll tieħu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, tillibera lill-imputata mill-addebitu reċediva, u wara li rat l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata ħatja tal-akkuża dedotta kontra tagħha, u tikkundannha għal ħlas ta' multa ta' mitt ewro.

Il-Qorti tilqa` t-talba tal-prosekuzzjoni magħmula ai termini tal-artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna r-revoka *contrario imperio* tad-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest pronunċjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-11 ta' Lulju 2024, u tordna l-arrest mill-ġdid b'effett immedjat tal-imputata.

Inoltre, ai termini tal-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' elf ewro (€1,000) depożitata għall-finijiet ta' Ħelsien mill-Arrest bid-Digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Astrid May Grima, datat 11 ta' Lulju 2024.

Dr. Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur